**Keywords: Preskrizzjoni; Kap. 16 - Art. 2156(f), 2153; 1222(1), 2137; LM Managed Performance Fund; responsabilità tal-provditur; *retail clients*; *suitability test*; riskju; taghrif u esperjenza.**

**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 439/2016**

**PQ**

**vs**

**All Invest Company Ltd. (C 22239)**

**(il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tat-28 ta' Marzu 2018**

**L-Arbitru**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatrici bazikament tghid illi Joe Muscat, bhala rapprezentant ta' *All Invest Co. Ltd.,* ikkuntattjaha fuq xi prodotti taghhom. Wiehed minn dawn il-prodotti kien l-*LM Managed Performance Fund (LMMPF)* li kien jinteressaha peress li kien qalilha li kellu imghax tajjeb ta' 8%, apparti, li qalilha wkoll li l-kapital kien garantit. Qalilha wkoll li dan il-prodott kien ilu jinnegozja mis-sena 2001, u ma kellux problemi.

F'Lulju 2013, l-istess Joe Muscat, rega' ikkuntattjaha u qalilha li dan il-prodott kien ser jigi trasferit lill-*MFSP.*

Apparti dan il-prodott, kien digà kellha prodott iehor li bieghilha l-provditur tas-servizz li wkoll mar hazin, però kienet hadet flusha lura.

Saret taf li l-*LMMPF* kien sejjer hazin mhux ghaliex qalulha tal-*All Invest Co. Ltd.,* imma kien André Micallef tal-*MFSP* li qalilha li setghet titlef il-€5,000 li kienet investiet fl-*LMMPF*.[1]

Hija ssostni li ma rieditx investiment riskjuz u kienet giet zgwidata meta intqal lilha li l-kapital kien garantit meta fil-fatt ma kienx.[2]

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz fejn jghid:**

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet tal-ilmentatrici in kwantu bbazati fuq responsabbiltà kontrattwali huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija perenta ai termini tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu jidher illi l-ilment odjern jittratta dwar allegata weghda ta' kapital garantit u, ghaldaqstant, qieghed jigi inferit illi l-ilmentatrici qieghda ssostni li hemm vizzju tal-kunsens taghha meta ghazlet li tinvesti fil-prodott *de quo* abbazi ta' din il-premessa;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, hlief ghat-talba ta' rifuzjoni tal-flus investiti, ma huwiex car x'inhu l-ilment imressaq kontra l-eccepjenti - hemm hjiel ta' allegazzjoni ta' *'mis-selling'*, hemm hjiel ta' allegazzjoni ta' ingann [u necessarjament, allura, vizzju ta' kunsens] u, ghalhekk, l-ilmentatrici trid ticcara l-bazi tal-ilment u, konsegwentement, it-talba taghha. L-eccepjenti, ghalhekk, qieghda tirriserva minn issa li tintavola eccezzjonijiet ulterjuri, skont il-kaz;

---

[1] A fol 7

[2] A fol 76

5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjetà eccepjenti m'ghandha ebda kontroll u lanqas ma tiggestixxi hi l-investiment *de quo* [*All Invest Company Ltd.* hija biss intermedjarja] u, ghaldaqstant, ma tistax tinzamm responsabbli ghal kwalunkwe telf Ii l-investiment seta' garrab;
6. Illi l-ilmentatrici trid tipprova kwalunkwe telf allegat minnha;
7. Illi, fil-mertu, mill-Formula tal-Ilment ma jirrizulta ebda raguni valida fil-Ligi ghalfejn is-socjetà eccepjenti ghandha tigi kkundannata thallas kwalunkwe somma lill-ilmentatrici, u sabiex it-talba tal-ilmentatrici tigi akkolta jrid jigi ppruvat sal-grad rikjest mil-Ligi Ii kwalunkwe allegat telf ikun sar minhabba tort attribwibbli lill-eccepjenti;
8. Illi l-eccepjenti tichad Ii hija b'xi mod ingannat lill-ilmentatrici, jew b'xi mod iehor ittiehed il-kunsens taghha b'mod qarrieqi, jew b'mod iehor naqset mill-obbligi professjonali u/jew fiducjarji taghha.
9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' x-xhieda,**

**Ra l-atti kollha tal-kaz,**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni:**

Il-provditur tas-servizz jghid li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikoli 1222(1), 2153 u 2156(f) tal-Kodici Civili.

L-eccezzjoni numru tlieta tirreferi ghall-Artikolu 1222(1) et seq tal-Kap. 16 li jipprovdi dwar preskrizzjoni ta' azzjoni ta' '*rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ecc.*'

L-ilmentatrici mhix qieghda titlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt li sar bejn il-partijiet, izda qieghda tghid li l-bejgh tal-prodott ma kienx idoneju ghaliha u sehh *investment misselling*.

Ghalhekk din l-eccezzjoni ma gietx ippruvata u qed tigi michuda.

L-eccezzjoni l-ohra hija bbazata fuq l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili u hija bbazata fuq htija akkwiljana. Dan l-artikolu jghid li '*L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.'*

Kif qalet fil-kawza **Dalli vs. *Monomark Developments Ltd*., deciza fit-13 ta' Marzu 2009:-**

*'Bl-eccezzjoni ulterjuri taghha s-socjetà konvenuta tissottometti illi azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Kif insenjat mill-gurisprudenza "la prescrizione biennale stabilita dall'articolo 1917 dell'ordinanza VI del 1868 (korrispondenti ghall-Artikolu 2153, Kapitolu 16) non riguarda le azioni di risarcimento di danni derivate da dolo e colpa contrattuale" (**"Dr. Carlo Galea Naudi -vs- Negte. Salvatore Zammit", Appell Civili, 9 ta' Marzu, 1925**), izda "hi applikabbli ghad-danni extra-contrattuali jigifieri li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma ex delicto vel quasi."' ("**Negte. Salvatore La Rosa De Cristoforo nomine -vs- Henri Rouselle nomine**", **Appell Kummercjali, 17 ta' Frar, 1936**).*

Ghalhekk il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, minbarra li ma tapplikax ghall-hsara mahluqa minn ghemil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata hsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali jew obbligazzjoni li tixbahha (***Stivala v. Colombo, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Jannar 1953***).

Kull hsara li ggarrab persuna minn ghemil jew nuqqas ta' haddiehor waqt it-twettieq ta' kuntratt jikkostitwixxi htija kuntrattwali, filwaqt li hija htija akkwiljana meta jigi ppruvat li l-ghemil li kkawza l-hsara jkun ghal kollox miftum u awtonomu mir-rabta kuntrattwali.

F'dan il-kaz kien hemm bejgh ta' prodott finanzjarju u matul dan il-bejgh inghata parir mill-provditur tas-servizz u, ghahekk, huwa car li kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet. Dan anke kif jirrizulta mill-*Purchase Contract Note*[3] u mill-*File Note*[4] u, ghalhekk, dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz in kwistjoni.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar l-eccezzjoni a bazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, din il-preskrizzjoni hija ta' hames snin.

L-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 jipprovdi li din il-preskrizzjoni tibda tghaddi minn meta l-attur (f'dan il-kaz l-ilmentatrici) setghet tezercita din l-azzjoni.

Meta tkellmu dwar il-preskrizzjoni il-Qrati taghna, anke a bazi ghal dak li jipprovdi l-istess Kodici Civili, stabbilew parametri legali kif il-preskrizzjoni ghandha tigi interpretata u applikata, fosthom illi:

1. Min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha:

Kif inghad fis-sentenza moghtija fl-ismijiet ***'Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr Maria Deguara noe',***[5]

***'Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq'.***

[3] A fol 13
[4] A fol 14 et seq
[5] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' Ottubru 2003

2. Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju.[6] Sinjifikanti f'dan ir-rigward huwa dak li qalet **il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 1987, fil-kawza "Causon vs Sheibani noe"** illi:-

***'Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le'.***

3. Il-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta min jipproponi kaz ikun jista' jezercita dik l-azzjoni.

**Dan johrog car mill-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jipprovdi li:**

***'Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'***

4. Huwa principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u, ghalhekk, jekk ikun jezisti dubbju dwar l-applikabilità taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni.[7]

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Arbitru jrid jara jekk fil-kaz odjern il-provditur tas-servizz irnexxilux jipprova li l-ilmentatrici skadielha z-zmien ta' hames snin minn mindu setghet tezercita din l-azzjoni.

Huwa sinifikanti li matul il-kors ta' dan il-kaz il-provditur ma pprezenta l-ebda dokument li jista' jitfa' xi dawl, kemm dwar l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni kif ukoll dwar il-mertu tal-kaz, minkejja li d-dokumenti relatati mal-kaz kienu fil-pussess tieghu. L-unici dokumenti li gew ipprezentati huma xi *cuttings* mill-gazzetti li jirreferu ghal wara li nbiegh il-prodott, u dan sar biex il-provditur jipprova jiggustifika u jezonera ruhu.

[6] Holland noe vs Chetcuti, QA, – 25 ta' Frar 2000
[7] *Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited*, PA, 12/10/2004

F'kaz ta' allegazzjoni ta' *misselling* huwa relevanti hafna x'ikun sar qabel gie konkluz il-kuntratt ghaliex minn dawn il-fatti pre-kuntrattwali jista' jigi deciz jekk ikunx sar bejgh tajjeb jew le tal-prodott.

Mid-dokumenti esebiti mill-ilmentatrici jirrizulta li anke wara li l-prodott kien sejjer hazin, *All Invest* ippruvaw jahbu minnha dan il-fatt, u helsu minnha billi ttrasferew il-kont taghha mal-*MFSP*. L-*MFSP* qalulha li l-prodott kien sejjer hazin u li setghet titlef flusha fl-2013.[8]

F'dan il-qasam, l-ilmentatur ma jistax jiehu passi hekk kif issehh ir-rabta kuntrattwali, kif jipprova jghid il-provditur tas-servizz, imma minn meta verament seta' jezercita l-azzjoni, u dan il-mument ma jistax ikun qabel ma l-ilmentatur isir jaf li l-prodott sejjer hazin, ghaliex inkella jista' jigi akkuzat li qed jagixxi intempestivament, u kull azzjoni li jiehu tista' tigi attakkata li qed issir b'mod vessatorju.

L-ilmentatrici saret taf bil-problemi fl-2013 minghand l-*MFSP* (ghaliex, skont il-provditur tas-servizz, f'din is-sena kien ghad m'hemmx problemi),[9] u l-ilment gie ntavolat fis-27 ta' Settembru 2016, u minn dik id-data m'ghaddewx il-hames snin skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar ir-raba' eccezzjoni, dwar il-kjarezza tal-ilment, jidher car li l-ilmentatrici qieghda tallega li hi insistiet fuq prodott li jkollu l-kapital tieghu garantit u l-provditur tas-servizz bieghilha prodott li ma kienx addattat ghar-riskju li riedet tiehu u sehh *misselling* ta' prodott finanzjarju. L-ilment hu car bizzejjed li l-provditur seta' jipprezenta risposta u nota ta' osservazzjonijiet dettaljati u, ghalhekk, ma sofra l-ebda pregudizzju mill-mod kif gie intavolat l-ilment.

F'dawn il-kazi, fejn il-legizlatur qed jaghti rimedju lill-konsumaturi li m'humiex midhla ta' punti legali, il-legizlatur ried li l-ilment jista' jibda anke b'sempliciment ittra u, galadarba jkun jista' jinftiehem x'qed jghid l-ilmentatur, m'hemmx kaz ta' nullità tal-ilment. Dan il-kaz huwa car bizzejjed u, ghalhekk, din l-eccezzjoni ma tistax tirnexxi.

[8] A fol 76
[9] A fol 75, xhieda tal-ilmentatrici li tghid li Joe Muscat baqa' jinnega li kien hemm xi telf

## Fil-Mertu

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-kaz b'referenza ghal dak li huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[10]**

L-ilmentatrici tghid li tilfet hamest elef ewro meta l-provditur tas-servizz investielha dan l-ammont fl-*LMMPF,* liema prodott ma kienx addattat ghac-cirkostanzi taghha.

Il-provditur tas-servizz jinnega dan.

## Il-Prodott *LM Managed Performance Fund (LMMPF)*

Skont il-*Purchase Contract Note* mahruga mill-provditur tas-servizz datata 19 t'Ottubru 2010, l-ilmentatrici investiet is-somma ta' hamest elef ewro fl-*LMMPF* fuq parir tal-provditur tas-servizz.

Sa dakinhar, l-*LMMPF* kien hareg diversi dokumenti u *updates* dwar l-andament tal-investiment li kienu juru li dan il-prodott kien digà ghandu certi problemi ta' likwidità.

L-*LMMPF* huwa fond stabbilit fl-2001, li kien operat minn *Manager* regolat l-Awstralja izda l-fond ma kienx regolat. Il-fond huwa sospiz, u fi Frar 2014,[11] hargu ordnijiet biex il-fond jigi likwidat.

Il-fond seta' jinvesti f'self kummercjali[12] ghal xiri jew zviluppar ta' proprjetà fis-settur immobbiljari Awstraljan, direttament go proprjetà immobbli u flus kontanti, fost ohrajn. L-assi tal-*fund* kienu fl-Awstralja stess.[13] Il-*Manager* tal-fond kellu *mandate* ta' investiment wiesa' u bla ebda

[10] KAP 555, Art. 19(3)(b)

[11] http://www.asic.gov.au/about-asic/media-centre/key-matters/lm-investment-management-limited/

[12] Fuq is-self kummercjali tal-fond, li kien jikkostitwixxi l-maggoranza assoluta tal-investimenti tal-fond, hemm miktub li s-self kummercjali jinkludi firxa ta' *"secured commercial loans"* li huma disponibbli ghas-settur kummercjali ta' proprjetà u zvilupp Awstraljan. Jinkludi dikjarazzjoni wkoll li l-portafoll ta' self jinkludi *"mortgages, including second ranking mortgages over commercial, residential, retail, industrial and vacant land"*.

[13] **Kemm fl-*Information Memorandum* tas-sena 2009 u dak tas-sena 2011, tinghata indikazzjoni tal-kompozizzjoni tal-assi tal-fond. Ftit aktar minn 90% tal-assi tal-fond kien f'self kummercjali. L-akbar *loan* kienet tikkostitwixxi ftit aktar minn 40% tal-fond.**

restrizzjonijiet, u seta' jiehu pozizzjonijiet jew jaghmel tranzazzjonijiet ma' partijiet relatati.

It-taqsima li titkellem dwar ir-riskju fl-*Information Memorandum* tal-*LMMPF* tghid, fost affarijiet ohra, **li investitur li jfittex livell ta' certezza u kontroll fuq kif l-assi huma investiti m'ghandux jinvesti fil-fond**. Hemm imsemmi wkoll ir-riskju li l-*Manager* jista' jippartecipa f'investimenti inqas konvenzjonali jekk tinqala' l-opportunità, kif ukoll riskji ohra bhal li l-kapital mhux garantit, fuq il-varjazzjoni tal-valur kif ukoll riskji assocjati mas-suq ta' proprjetà immobbli, u self mahrug mill-fond.

Fir-rigward ta' min seta' jinvesti fil-fond, is-*Summary Flyer* tal-LMMPF jghid hekk:

***'Australian resident investors must provide required certification of wholesale/sophisticated investor status, as detailed within the current Information Memorandum. Investors who do not reside in Australia do not have to certify as a wholesale/sophisticated investor.'***

L-*Information Memorandum* jamplifika dak li jghid is-*Summary Flyer*. Kemm investituri fl-Awstralja kif ukoll investituri minn barra l-Awstralja setghu jinvestu fil-fond. Però, bhala kategorija ta' investituri, l-investituri fl-Awstralja kellhom ikunu '*wholesale*' jew '*sophisticated*'. Din il-klassifikazzjoni ma tidhirx li kienet obbligatorja ghall-investituri li gejjin minn barra l-Awstralja peress li l-*Information Memorandum* jaghmel referenza specifika ghal '*wholesale*' u '*sophisticated investors*' f'kaz ta' '*Australian resident investors*' biss. Dan il-punt huwa msahhah izjed meta wiehed jikkonsidra l-i*statement* maghmul f'dan ir-rigward fis-*Summary Flyer*.

Sa mis-sena 2009, dan il-prodott beda jkollu l-inkwiet. Tant, li fil-verzjoni tal-*Information Memorandum* ta' Novembru 2009, taht it-Taqsima '*Withdrawal Notice Period*' (pg. 11) jintqal kif gej: ***'To protect all fund investments, payment of withdrawals is currently slowed and is being managed over longer timeframes, as determined necessary by the Manager.'***

Fil-*Portfolio Update* tal-31 ta' Lulju 2010, **qabel ma nbiegh l-ewwel investiment fl-*LMMPF*** lill-ilmentatrici, kien hemm aggornament fir-rigward tal-andament tal-portafoll tal-assi tal-fond, kif ukoll anke fil-*withdrawal timeframes*.

F'dan l-*update* hemm paragrafu taht it-titlu '*Updated Withdrawal Information*'. Hawnhekk, l-investitur qed jigi infurmat li jista' jaghti l-kaz li minn zmien ghal zmien, jista' jkun necessarju li jigu estizi t-*timeframes* ghal hrug ta' pagamenti ghal gbid jew sospensjoni ta' pagamenti ghal gbid.

a) Dan il-mekkanizmu jidhol fis-sehh '*...to realise cash from the fund's property related assets, which by their nature are not immediately liquid ...*' Il-paragrafu jkompli hekk: '*The need to implement this measure to protect the fund <u>arose for the first time last year</u>, as per the Information Memorandum. <u>Timeframes for withdrawal payments are currently slower than general, due to market conditions brought on by the global financial crisis. Liquidity conditions are improving in the market place and payment timeframes will return to normal as soon as possible</u>.'*

b) Dan id-dettal (jigifieri li l-fond jista' jissospendi il-hlasijiet) kien digà jissemma fl-*Information Memorandum* datat **<u>25 ta' Novembru 2009.</u>**[14]

c) Taht it-taqsima *Fund Assets*, jinghata taghrif dwar l-andament tal-assi tal-fond. Jintqal li tliet *commercial loans* mill-portafoll tal-assi tal-fond gew klassifikati bhala *in default*. Dawn jirrapprezentaw madwar 16% tal-assi tal-fond izda huwa mistenni li jsir irkupru shih ta' dan id-dejn.

Wiehed irid dejjem joqghod attent meta jiddiskuti u janalizza prodott wara li jkun falla. Dan ghaliex huwa facli li tghid l-affarijiet *with the benefit of hindsight*.

L-*LMMPF* izda kien fond ta' proprjetà fejn kien juza strutturi ta' *loans*. Anke jekk wiehed, ghal mument, jinsa fejn kien intenzjonat jinvesti dan il-fond (fl-Awstralja) u l-istruttura legali ta' kif twaqqaf (fond mhux registrat fl-

[14] (https://promo-manager.server-secure.com/download/files/02045/150233/MPF+IM.pdf)

Awstralja), hemm l-aspett li dan il-fond kien wiehed partikolari fil-forma ta' *property loan fund*. L-assi tal-*LMMPF* kienu mqassmin hekk f'Lulju 2010: 90.64% f'self kummercjali, 2.32% direttament fi proprjetà u 7.04% f'kontanti.

**Hemm diversi riskji li generalment huma assocjati ma' fondi bhal dawn. Anke jekk wiehed ma joqghodx jidhol fid-dettal tar-riskji kollha assocjati ma' dawn it-tipi ta' fondi, ir-riskju ta' likwidità u potenzjal ta' *default* fuq is-self huma aspetti prevalenti hafna**.

Aspetti bhal dawn kellhom jinghataw certu prioritŕ u konsiderazzjoni ragonevoli fl-assessjar tal-prodott mill-provditur tas-servizz, fejn wiehed jistenna li l-provditur tas-servizz ikun dahal f'certu approfondiment tal-fatturi msemmija fl-assessjar tal-prodott biex ikun jista' jaghmel analizi ahjar u kompluta fuq il-prodott li se jbiegh lill-investitur.

Il-fatt li fir-rigward ghall-investituri Awstraljani kien hemm obbligi u certifikazzjoni ta' eligibilità oneruza, huwa wkoll minnu innifsu indikazzjoni li dan kien fond partikolari; meta wiehed ukoll jikkonsidra li dan kien fond ibbazat l-Awstralja, immanigjat minn entità bbazata fl-Awstralja u li ma kienx regolat mill-Awtorità Finanzjarja tal-Awstralja, l-*ASIC*.

Fir-rigward ta' investituri Awstraljani, il-kriterji ta' eligibilità oneruzi li gew applikati kienu, tista' tghid, mizura ta' protezzjoni ghall-investituri Awstraljani (li tidher li tohrog mill-qafas legali Awstraljan innifsu), fejn mhux kull tip ta' investitur seta' jinvesti, izda dawk biss li kienu jissodisfaw dawk il-kriterji oneruzi. Kriterji li, skont l-*Information Memorandum* u *s-Summary Flyer* imsemmija hawn fuq, ma kienux rikjesti fir-rigward ta' investituri barra l-Awstralja fejn il-fond sar prattikament accessibbli ghal firxa hafna izjed wiesgha ta' investituri.

**Dan kellu jghabbi b'aktar responsabbiltà lill-provdituri tas-servizzi lokali u mhux biss joqghodu fuq accertazzjonijiet ta' min kellu interess li jbiegh il-prodott barra l-Awstralja.**

Il-fond kien wiehed u mhux maqsum fi tnejn, parti ghall-investituri Awstraljani, u iehor ghall-investituri barra l-Awstralja. **L-istess fond kien**

**offrut lil kulhadd** izda b'distinzjonijiet differenti ta' min hu eligibbli li jinvesti skont jekk l-investituri humiex Awstraljani jew le.

Mela jekk ghall-investituri Awstraljani l-obbligi kienu oneruzi, wiehed ragonevolment jistenna li l-provditur tas-servizz lokali kellu jiehu dan il-fattur partikolari izjed in konsiderazzjoni. Fl-analizi tieghu dwar il-prodott u lil min kellu joffrih, kellu jzomm quddiem ghajnejh il-kriterji ta' eligibilità gholja ghall-investituri gewwa l-Awstralja, biex investitur barra l-Awstralja jigi ttrattat kemm jista' jkun b'mod ekwu u offrut l-istess, jew livell simili, ta' protezzjoni applikat fir-rigward tal-investituri Awstraljani.

Dan il-prodott huwa meqjus bhala prodott kumpless. L-*LMMPF* huwa tat-tip *non-UCITS.* Skont ir-regoli tal-*MiFID*, (kif anki riflessi fir-Regoli mahruga mill-*MFSA, PART B* tal-*Investment Services Rules for Investment Services Providers),*[15] biex prodott jigi kkunsidrat bhala mhux ta' natura kumplessa kellu jilhaq erba' principji f'daqqa, kriterju li mhux milhuq mill-prodott in kwistjoni. Il-prodott kellu riskji diversi li jaghmluh prodott ta' riskju gholi kif digà spjegat aktar 'il fuq.

Fuq kollox, mill-*updates* li kienu digà hargu kemm fl-2009 kif ukoll f'Lulju 2010, kien jidher car li *LMMPF* kellu problemi serji, u li kieku saret *due diligence* adekwata mill-provditur tas-servizz, kellu jirrizulta li ma kellux ibiegh dan il-prodott specjalment lill-investituri *retail,* kif kienet l-ilmentatrici, bil-profil u c-cirkostanzi partikolari taghha.

## Aspetti ohra

L-ilmentatrici tghid li hija kienet giet ikkuntattjata mill-provditur tas-servizz li mar f'darha fuq inizjattiva tieghu, u meta offrielha l-prodott *de quo,* (u anke meta kien offrielha l-prodott *ARM,* li kien falla imma hadet flusha lura) hija dejjem insistiet illi:

'*Kien gie d-dar u semmieli xi investimenti u l-ewwel ma ghidtlu: "Joe, jien ma nirriskjax u qatt ma nvestejt hlief xi haga l-BoV", u mbaghad kien semmieli dan il-fund u kien qalli li kien ilu tmien snin u kien safe u ma kellix*

[15] Li kienu japplikaw meta nbiegh il-prodott in kwistjoni.

*ghalfejn ninkwieta. Qalli li kien investa hu u l-familja tieghu fih u qalli li ma kellix ghalfejn ninkwieta ghaliex kien vera safe…*

*Wara xi sentejn jew sena w nofs qalli li se jiehdu kollox l-MFSP. U tal-MFSP qalli li kien hemm xi telf. X'hin hrigt cempilt lil Joe Muscat u qalli li le, ma nafx biha u beda jinnega li kien hemm xi telf.'*[16]

Izzid tghid:

'*Nghid li kont ghamiltha cara ma' Joe Muscat li ma ridtx nirriskja, allura ma nafx ghalfejn dahhalni f'dan l-investiment. Hu kien qalli li l-prodott kellu 8% imghax fuqu u jien rajtha xi haga sabiha. Qalli kapital garantit u qalli li ma kellix ikolli problemi. Meta gejt biex niffirma qalli: "Dawn huma l-affarijiet li ftiehemna, serrah rasek", u, ovvjament, peress li fdajtu jiena ma qrajt xejn u ffirmajt*[17]*….*

*Kelli xi haga fil-VFM u bonds tal-Gvern. Nghid li meta kellimni Joe Muscat kien qisu jaf x'kelli flus investiti. Fil-fatt, kien digà jaf li jien kelli xi flus il-Vilhena u kien qalli hu biex innehhihom minn hemm. Niftakar beda jghid kontra l-BoV u jghid li jtuk prodott li ghandhom fuq l-ixkaffa, u qalli li dan il-prodott kien ferm ahjar mill-BoV ….. Nghid li qabel ma ffirmajt, dan Joe Muscat, ma qrali l-ebda dokument u lanqas jien ma qrajtu ghax, kif ghidt, fdajtu. Tant fdajtu li anke fuq il-hajja personali tieghu beda jghid u meta qalli li ghandu l-istess investiment hu u t-tfal aktar fdajtu.'*[18]

Fl-affidavit tieghu, Joe Muscat, jghid li hu kien fiehemha dwar l-investiment u jsemmi li kellha investimenti fl-*ARM* u fl-*RBS* li kienu gew *redeemed* bi *profit*.[19] Jghid li hu kien iltaqa' darbtejn mal-ilmentatrici dwar l-*LM* u l-ewwel darba kien spjegalha l-prodott u taha alternattivi ohra barra l-*LM*.

'*Jien spjegajtilha li l-prodott tal-LM u li dan il-fond kien jinvesti fi proprjetà fl-Awstralja. Nghid li André Micallef, li huwa wiehed mid-diretturi tal-MFSP Financial Management Limited, li min-naha taghha kienet l-agent lokali tal-*

[16] A fol 75
[17] A fol 76
[18] Ibid
[19] L-ilmentatrici tichad dan

*prodott, kien qalli li hu kien mar personalment l-Awstralja sabiex jara l-progett tal-bini tal-proprjetà u li l-progett kien gja beda.'*[20]

Jghid li a bazi tal-esperjenza tal-ilmentatrici kien fiducjuz li l-prodott kien wiehed idoneju ghall-htigijiet taghha; jghid li qatt ma qalilha li l-prodott kien b'kapital garantit u li fuq id-*dividend statements* kien hemm miktub li l-passat mhux garanzija tal-futur u li l-kapital seta' jinzel anke fil-valur.

Huwa sinifikanti f'dan il-kaz li l-provditur tas-servizz ma pprezenta l-ebda dokument li ffirmat l-ilmentatrici u, minkejja li kellu d-dokumenti ghad-dispozizzjoni tieghu, ma pprezenta l-ebda dokument biex jissostanzja x-xhieda tal-uniku xhud u, cioè, Joe Muscat. Tant, li fl-affidavit tieghu, Joe Muscat, jghid li l-ilmentatrici iffirmatlu *Experienced Investor Declaration,*[21] izda din qatt ma giet ipprezentata mill-provditur tas-servizz.

L-Arbitru hu tal-fehma li l-verzjoni li tat l-ilmentatrici hija wahda aktar kredibbli. Id-dettalji li tat ta' kif sar il-bejgh juri li l-provditur tas-servizz kien mar ippreparat biex ibiegh il-prodott *LMMPF*. *All Invest Co. Ltd.* kienet qieghda tbiegh dan il-prodott b'mod qawwi hafna u jirrizulta wkoll li kien il-provditur tas-servizz li kien issuggerihulha.

Kif digà gie accennat, dan il-prodott kien immirat ghal '*accredited, sophisticated and professional investors'* ghall-investituri Awstraljani; u l-fatt li min hargu iddecieda li jista' jinbiegh anke lil *retail clients* barra l-Awstralja ma kienx jibdel in-natura tal-prodott, li kien wiehed riskjuz. Tant li fl-*Information Memorandum* l-istess kumpanija li hargitu ghamlitha cara li **investitur li jfittex livell ta' certezza u kontroll fuq kif l-assi huma investiti m'ghandux jinvesti fil-fond**.

L-ilmentatrici ma kienetx dan it-tip ta' investitur. Il-fatt li kellha xi investimenti fil-*Vilhena Fund* mal-*BOV* ma kienx jaghmilha investitrici li ma riedetx certezza u kontroll fuq l-assi taghha.

Barra minn hekk, il-ftit investimenti li kellha mal-*BOV* ma kienux tal-istess riskju tal-*LMMPF* li kien aktar riskjuz.

[20] A fol 80
[21] A fol 79

Ghalkemm il-provditur tas-servizz jghid li '*konna iccekkjajna l-history tal-LM Management Performance Fund u mir-ricerka konna fhimna li din kienet hallset regolarment id-dhul lill-investituri taghha. Inoltre kien fond li kellu hafna artijiet bhala assi',*[22] jirrizulta lill-Arbitru, kif digà gie accennat aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, li l-provditur tas-servizz m'ghamilx il-*homework* tieghu tajjeb bizzejjed ghaliex kieku kien jirrizultalu li sa mill-2009, kien digà hareg *update* li kien juri li l-fond kien qed jissospendi l-fidi; u *update* iehor f'dan is-sens hareg f'Lulju tal-2010, it-tnejn qabel ma sar l-investiment tal-ilmentatrici.

Dan huwa nuqqas serju min-naha tal-provditur tas-servizz ghaliex, apparti li ma kellux ibiegh prodott intenzjonat ghall-investituri professjonali lil *retail clients*, kieku ghamel assessjar tajjeb tal-ilmentatrici kellu jasal ghall-konkluzjoni li dan il-prodott ma kienx idoneju ghaliha.

Dan il-prodott inbiegh a bazi ta' parir (*advisory service*) u, skont ir-regoli vigenti dak iz-zmien, kellu jsir *Suitability Test.* Mill-*File Note* ipprezentata mill-ilmentatrici jidher car li kulma sar kien ittikkjar ta' kaxxi, u dan l-ezercizzju tant ma sarx b'diligenza li l-provditur ittikkja kemm il-kaxxi tas-*Suitability Test* kif ukoll tal-*Appropriateness Test*, li jfisser li l-provditur qabad u ttikkja l-kaxxi kollha meta kellu jaghmel jew *test* wiehed jew l-iehor, skont in-natura tas-servizz li jkun qed jinghata.

Ghalhekk ma mexiex mar-regolamenti *in vigore*. Kieku ghamel *Suitability* jew *Appropriateness Test* tajjeb kellu jirrizultalu li l-ilmentatrici ma kienetx idoneja biex tinvesti f'dan il-prodott ghaliex ma kienx jaqbel mar-riskju li riedet tiehu u lanqas kellha t-taghrif u l-esperjenza mehtiega biex tinvesti fih.

Ghar-ragunijiet kollha moghtija, l-Arbitru jqis l-ilment li hu gust, ekwu u ragonevoli.

Ghaldaqstant, l-Arbitru qed jilqa' l-ilment sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni u, ai termini tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-KAP. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jordna lil *All Invest Co. Ltd.* thallas lill-ilmentatrici s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000).

---

[22] A fol 80

Bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez tal-kaz huma a kariku tal-provditur tas-servizz.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji